KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 74

**Il-Ħamis 15 ta' Frar 2018**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Antoine Vella – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Daniel John Attard – Sindku

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-Viċi Sindku Antoine Vella ppresjeda l-laqgħa fl-assenza tas-Sindku.

### 74.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

74.1.1 Is-SE qrat apoloġija min-naħa tas-Sindku Daniel Attard minħabba li jinsab imsiefer fuq xogħol. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

### 74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

74.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

74.2.2 Il-Kunsillier Mifsud propona li dawn jiġu approvati filwaqt **l-**Kunsillier Fenech **i**ssekonda. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u l-minuti ġew approvati u ffirmati mill-Viċi Sindku u mis-SE.

### 74.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

74.3.1 Ma kienx hemm kommunikazzjonijiet minħabba li s-Sindku jinsab imsiefer u kien skuzat mil-laqgħa.

### 74.4 Approvazzjoni tal-*Business Plan* 2018-2020

74.4.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tal-*business plan* permezz tal-*email* hekk kif preparat mill-*accountant* tal-Kunsill.

74.4.2 Il-Kunsill approva r-rapport. Kopja tiegħu hija mehmuza.

### 74.5 Konsultazzjoni dwar PA/0324/18

74.5.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kommunikazzjoni bejn il-Kunsilliera u l-Periti tal-Kunsill dwar din l-applikazzjoni.

74.5.2 Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li l-Perit tal-Kunsill għandu jagħmel rapprezentazzjoni fejn jingħad li l-binja għandha zzomm l-istess estetika u b'mod speċjali għandha tinzamm in-niċċa u l-istess estetika.

### 74.6 *Twinning Report*

74.6.1 Is-SE għaddiet rapport dwar il-ġemellaġġi li għandu l-Kunsill Lokali tal-Imtarfa. Hija infurmat li dan ir-rapport se jiġi mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

74.6.2 Il-Kunsill approva r-rapport mehmuz.

## 74.7 Aġġudikazzjoni tal-offerta (MTFLC/T/01/2018) – *Turnkey services for the upgrading of the reception area at the Mtarfa Local Council offices using environmentally friendly measures*

74.7.1 Is-SE skuzat ruħha li kienet għadha ma kkuntattjatx lill-individwi kollha hekk kif deċiż mill-Kunsill waqt l-aħħar laqgħa u għaldaqstant għad ma kellhiex bord tal-evalwazzjoni biex jagħmel il-pass li jmiss fir-rigward ta' din l-offerta. Hija infurmat li jidher li hemm diffikultajiet mal-Kunsilli kollha minħabba li issa dawn il-membri huma kollha professjonisti u ovvjament ikun hemm talba għal ħlas filwaqt li huwa diffiċli aktar biex tlaqqagħhom.

74.7.2 Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud informa li din il-materja kienet ġiet diskussa anke waqt laqgħa riċenti tal-AKL.

## 74.8 Kwotazzjonijiet għal dawl tat-toroq

74.8.1 Is-SE infurmat li kif kienet infurmat lill-Kunsill permezz tal-*email*, l-Awtorità tad-Djar kienu talbu li jigu installati 4 *floodlights* kif ukoll zewġ arbli fiz-zona magħrufa bħala tal-karnival minħabba li fil-prezent kien hemm numru ta' *containers* li qed jintuzaw bħala *storage* mir-residenti ta' Binja Buqana fejn qed isir xogħol strutturali mill-Gvern Ċentrali. Huma kienu infurmaw li lesti li jagħtu rifuzjoni sħiħa lill-Kunsill kemm tal-*floodlights* kif ukoll tal-installazzjoni tal-arbli. Il-Kunsill ikkonferma li dawn jinxtraw.

74.8.2 Hija infurmat ukoll li kienu talbu l-installazzjoni ta' *CCTV cameras* għall-istess zona u għaldaqstant kienet għamlet kuntatt mal-istess kuntrattur li jħaddem il-*cameras* tal-Kunsill mad-*drop off points*. L-Awtorità tad-Djar kienet infurmat li lesta tħallas għal dawn ukoll. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni kemm-il darba dawn jiġu rifuzi.

74.8.3 Fir-rigward tal-kwotazzjoni tad-dawl ta' Ġnien is-Sinjura, is-SE infurmat li kienet tkellmet u marret fuq il-post mal-Inġinier u dan kien infurmaha li x-xogħol kif kwotat kien jidher sewwa u għaldaqstant kienet ordnat li jsir ix-xogħol. Il-Kunsill kollu qabel li din iz-zona kollha kienet fi dlam ċappa u għaldaqstant dan ix-xogħol kien bzjonjuz.

## 74.9 Zjara ġewwa Pumpherston

74.9.1 Is-SE infurmat li min-naħa tal-Kunsill ta' Pumpherston kienu aċċettaw li jtellgħu n-numru ta' parteċipanti sa massimu ta' 50 u għaldaqstant il-Kunsill seta' jtella' sa 13-il applikant mir-residenti kollha li għoġobhom juru interess.

74.9.2 Is-SE infurmat li għaldaqstant kienet saret il-laqgħa mar-residenti li applikaw u minnhom ittellgħu bil-polza 13 filwaqt li 3 kienu baqgħu temporanjament fuq il-lista bħala *reserves*. Eventwalment dawn it-3 persuni wkoll sabu ruħhom mal-lista definittiva minħabba li kien hemm 3 persuni mil-lista oriġinali li infurmawha li ma setgħux jattendu.

74.9.3 Is-SE infurmat li sadanittant kienet tqabbdet aġenzija biex tagħmel *group booking* u l-prezz kien tela' għal €285 kull persuna u €60 għal kull bagalja ta' 20 kgs. Hija infurmat li kienet ħadet ħsieb tagħmel *booking* f'isem il-Kunsilliera u f'isimha min-naħa tal-Kunsill ħlief għall-Kunsillier Mifsud li kien informa li ma kienx għadu ċert jekk jistax jattendi u għaldaqstant kien se jistenna sax-xahar ta' April 2018.

## 74.10 Punti Oħra

74.10.1 Is-SE talbet lill-Kunsill jikkonferma li għandha tibda l-preparamenti biex lejn l-aħħar ta' April tittella' l-attività ta' Jum l-Imtarfa. Il-Kunsill qabel li għandha ssir l-istess attività bħas-soltu.

74.10.2 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' Mizura 4.4 imsemmija fil-laqgħa preċedenti, il-periti kienu qed jirrakkomandaw li l-Kunsill ma japplikax għall-fondi għaliex kemm-il darba jintmiss il-ħajt hemm ċans kbir li t-triq tikkollassa. Il-Kunsill qabel li ladarba l-Kunsill m'għandux fondi biex jagħmel rikostruzzjoni tat-triq u hemm dan ir-riskju, m'għandux japplika għal dawn il-fondi. Min-naħa l-oħra kien hemm qbil li għandha ssir pressjoni ikbar mal-Gvern Ċentrali biex it-triq tiġi rikostruwita min-naħa tagħhom.

74.10.3 Hawnhekk waslet il-Kunsillier Bugeja. Il-hin kien it-7:55pm. Fl-istess waqt il-Kunsillier Mifsud skuza ruħu u daħal lura zewġ minuti wara.

74.10.4 Is-SE infurmat li kienet irċeviet konferma mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li dawn kienu qed joffru s-somma ta' €5000 bħala għajnuna lill-Kunsill biex itella' l-attività ta' Military Mtarfa għas-sena 2018. Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku, hija infurmat li t-talba tal-Kunsill kienet li jingħata s-somma ta' €23,000 u għaldaqstant kemm-il darba l-Kunsill kien qed jaqbel li ssir l-attività, hija rrakkomandat li ssir revizjoni tal-baġit sabiex l-attività tinzamm fuq skala izgħar u l-parti l-kbira tal-fondi jintuzaw għal xogħlijiet ta' manutenzjoni u/jew strutturali ladarba l-Kunsill ma kienx se jirċievi rifuzjoni lura. Fuq rakkomandazzjoni tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li din il-materja għandha terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss sabiex ikun hemm is-Sindku prezenti.

74.10.5 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-Perit Musumeci kien għadda r-rapport tiegħu għalkemm kif diġà ssemma' waqt laqgħa preċedenti dan ma kienx konklussiv. Hija infurmat li kienet saret laqgħa mal-periti tal-Kunsill u dawn ma kienux ammettew li dak li ġara kien kaġun ta' negliġenza min-naħa tagħhom. Min-naħa l-oħra, bħala ġest ta' rieda tajba, dawn kienu qed joffru li jagħtu 80% tal-ammont dovut biex il-proġett jitraġġa lura għalli kien, jiġifieri madwar €4000, f'xogħlijiet ta' perizja b'mod volontarju. Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud ma qabilx ma' din l-offerta.

Hawnhekk il-Vi1i Sindku talab li jiġi skuzat għal ftit minuti. Il-Kunsill qabel li jissospendi l-laqgħa sakemm jinzel isfel u jitla' lura. Huwa telaq fit-8:10pm u reġa' lura fit-8:14pm.

Il-Viċi Sindku tenna li huwa importanti li tinstab soluzzjoni malajr biex isir ix-xogħol neċessarju u dan il-bosk jinfetaħ lura għall-pubbliku. Wara diskussjoni kien hemm qbil li s-SE għandha tibgħat kopja tar-rapport lill-avukat tal-Kunsill u titolbu parir dwar x'l-aħjar li jkun il-pass li jmiss tal-Kunsill.

Is-SE infurmat li kienet inkissret is-*solar panel* ta' waħda mis-CCTV's, dik ta' hdejn Binja Ġebel Dwejra. Minħabba li s-sistema tal-*camera* hija fuq *leasing* però s-*solar panel* tkun inxtrat mill-Kunsill, kien hemm qbil li din tinxtara. Is-SE infurmat li s-*supplier* kien qed joffri din is-solar panel għall-prezz ta' €441.90 (eskluz il-VAT) minflok €491.

## 74.11 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana, rapprezentant tal-Kunsill

74.11.1 Il-Kunsillier Mifsud għadda kopja tal-kuntratt tad-dawl iffirmat mill-partijiet kollha lis-SE għar-rekords tal-Kunsill.

74.11.2 Il-Kunsillier Mifsud informa li l-attivitajiet tar-reġjun hekk kif spjegati waqt il-laqgħa preċedenti kienu ġew aċċettati kollha mid-DLG.

74.11.3 Huwa informa li kienet se ssir ukoll attività oħra f'Settembru fejn il-lokalitajiet ġemellati mal-lokalitajiet li qegħdin fir-Reġjun Tramuntana kienu se jiġu mistiedna jipparteċipaw fiha.

74.11.4 Il-Kunsillier Mifsud fakkar ukoll li se tittella' attività f'Diembru fejn se jinġab kor ikanta fil-lokalitajiet tal-Imtarfa, Pembroke u Swieqi filwaqt li l-attività prinċipali għandha ssir fil-konkattidral tal-Imdina.

74.11.5 Il-Kunsillier Mifsud informa wkoll li r-reġjun kien se jibda jaħdem biex jippubblika ktieb li jinkorpora t-12-il lokalità. Għaldaqstant informa li se jkun hemm bzonn ta' ritratti u informazzjoni dwar l-imtarfa. Is-SE infurmat li min-naħa tagħha kienet lesta tgħaddi l-informazzjoni neċessarja.

## 74.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

74.12.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Bugeja issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 74.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

74.13.1 Il-laqgħa ntemmet fid-8:50pm u ġiet aġġornata għall-15 ta' Marzu fis-7:15pm.

Konfermati, illum 15 ta' Marzu 2018.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |